

2. It-tieni aggravju bbażat fuq assenza ta' risposta għall-argumentazzjoni tar-rikorrent fir-rigward tan-natura sproporzjonata tal-assenza ta' kull preskrizzjoni fl-ipoteżi fejn l-Awtorità tal-Ħatra hija fpożizzjoni li tistabbilixxi li l-persuna kkonċernata deliberatament żgwidat lill-amministrazzjoni bil-għan li tikseb il-ħlas tas-somma kkunsidrata.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2014 – L-Italja vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-353/14)**

(2014/C 212/55)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: P. Ġentili, avvocato dello Stato, G. Palmieri, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla l-avviż ta' kompetizzjoni ġeneralji EPSO/AD/276/14 amministraturi (AD 5) għall-istabbiliment ta' lista ta' riżerva għal 137 pożizzjoni sabiex jiġu koperti pożizzjonijiet vakanti ta' amministraturi (AD 5), ippubblikat fll-Gazzetta Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea tat-13 ta' Marzu 2014 Nru. C 74 A;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali invokati huma l-istess bħal-dawk invokati fil-Kawża T-275/13, l-Italja vs Il-Kummissjoni (ĠU 2014, C 74 A, p. 4).
